# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# SEDE KOSTITUZZJONALI

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 109/2024/1TA**

**Seven Group Malta Ltd (C-97102) u Roberto Antonio Pestana De Faria (ID Card No: 0163462A) għal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Seven Group Malta Ltd (is-Soċjeta' rikorrenti) tal-5 ta' Marzu 2024 li permezz tiegħu qiegħed jintalab li tinħareġ ordni ad interim għar-raġunijiet spjegati fl-istess rikors.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tat-13 ta' Marzu 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Konsiderazzjoni**

Is-Soċjeta' rikorrenti, kostitwita f'Malta, tipprovdi s-servizz ta' e-scooters. Il-Qorti fehmet li preżentement għandha għadd sostanzjali ta' kawzi quddiem diversi tribunali lokali pendenti u kif ukoll oħrajn li għad iridu jsiru fil-konfront tagħħa.

Is-Soċjeta' rikorrenti għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors tagħha qed tinsisti li quddiem dawn it-Tribunali m'għandhiex smiegħ xieraq għaliex fost oħrajn ma humiex indipendenti u għalhekk qed jinkiser id-dritt fundamentali tagħha kif imħarsa mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

Għalhekk trid, li l-proċeduri kollha kontra tagħha quddiem dawn it-Tribunali jieqfu. Dwar il-poter ta' din il-Qorti sabiex tagħti ordni ssir mill-ewwel referenza għal Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Emanuel Ruġġier et -vs- Joseph Oliver Ruġġier pro et noe tat-22 ta' Awwissu 2005 fejn intqal hekk :

"*Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm 1 Appell Ċivili Nru tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319 [Art 4(1) u (2)]*".

Dawn il-prinċipji ġew ribattuti mill-**Qorti Kostituzzjonali fis-Sentenza fl-ismijiet Sherif Mohamed Shennawyh -vs- L-Avukat Ġenerali et tad-29 ta' Marzu 2019**. Din il-Qorti tirrikonoxxi li s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm ma jipprovdux b'mod speċifiku għall-miżura ad interim, jagħtu pero' il-fakulta' b'mod ġenerali lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali taghha li "... tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna ...".

Jikkonsegwi għalhekk li l-Qorti Civili Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali għandha setgħa li tispedixxi ordnijiet ta' indole temporanja biex sakemm il-merti f'azzjoni kostituzzjonali ma jitlifx il-valur tiegħu sakemm tkun deċiża l-kawża definittivament f'każ li l-eżitu jkun favorevoli għall-individwu.

Dawn ix-xorta ta' miżuri ġew definiti bħala "urgent measures which, according to the Court's well established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question." **Factsheet dwar Interim Measures maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Awwissu 2022**).

Il-Qrati tagħna dejjem segwew bħala gwida din id-definizzjoni. Hekk per eżempju, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et Qorti Kostituzzjonali, tal-25 ta' Settembru 2014 :**

"F'materja ta' l-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel". [Ara fost ohrajn "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et ediz. 2006, paġna 113)**.

Wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh li talba għal "*rimedju temporanju*" hija regolata minn artikolu 4(2) tal-Kap 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni għalhekk huwa konsegwenzjali li l-proviso tal-istess subartikolu japplika wkoll għal dik it-talba (Ara Q. **Kost. Fl-ismijiet Ryan Briffa -vs- Avukat Ġenerali, tat-3 ta' Gunju 2013**). Dan ifisser li l-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat. Għalhekk ordnijiet *ad interim* ma jiġux akkolti għal kwalunkwe raġuni jew b'kapriċċożament, iżda biss fejn hemm periklu, illi bil-kontinwazzjoni tal-proċeduri ordinarji, ser ikomplu jiġu preġudikati d-drittijiet fundamentali tal-individwu li tkun qed tallega l-ksur tal-istess.

Huwa għalhekk illi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitfa' fuq din il-Qorti s-setgħa (u l-obbligu) sabiex fost ohrajn "*tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".* Dan ma jfissirx illi talba għal miżura temporanja kawtelatorja għandha tintlaqa' b'mod liberali jew b'ċerta diżinvoltura partikolarment fi stadju fejn għad hemm biss allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Li kieku kien hekk jista' jagħti l-każ li biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali ta' wieħed jkun hemm preġudizzju għal xi ħaddieħor. Huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-għoti ta' miżura ad interim, huwa l-unika mod kif jista' jiġi imhares id-dritt fondamentali tal-bniedem fl-integrita' kollha tiegħu.

Hawn tinsab il-*vexata questio*, dwar x'jikkostitwixxi "eċċezjonalita' taċ-ċirkostanzi" illi jippermettu talba bħal din tiġi milqugħha. Ir-risposta insibuha fis-**Sentenza fl-ismijiet Mamatkulov and Askarov v. Turkey Appl Nr 46827/99 and 46951/99**:

"*Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings*". Intqal ukoll li "*In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".* ((Ara **Shamayev and Others -vs- Georgia and Russia, Appl Nr 36378/02**).

Fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat** et tas-16 ta' Ġunju 2020 il-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' Strasburgu ġew applikati wkoll mill-Qrati Maltin, u, xi drabi, estiżi, b'tali mod illi kien hemm istanzi fejn il-Qrati Maltin taw rimedji anke f'sitwazzjonijiet illi fihom il-Qorti ta' Strasburgu ċaħad it-talba għal miżura proviżjonali. F'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu iservu ta' linji gwida fl-għoti ta' ordnijiet bhal dawn:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent;
2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li

wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ;
3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema"
4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure l-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija;
5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali;

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-mertu ta' dan ir-rikors. Il-Qorti trid tqies ukoll ta' min jkun l-akbar *hardship* tal-partijiet għall-proċeduri li għandha quddiemha. F'dan il-każ jidher li jekk qatt ir-rikorrrent għandu raġun l-ammont ta' multi minħabba l-ammont ta' Kawżi li jidher li hemm pendenti u għad ikun hemm, jekk dawn kollha jkunu jikkonsistu f'multi jistgħu tassew ikunu ta' dannu għaliex kif jiddisponi artikolu 10(50) tal-Kap 291 jiddisponi li *"L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għal finijiet tat-Titolu VIItat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni uProċedura Ċivili".*

Issa artikolu 10(2) tal-Kap 291 jiddisponi hekk:

"… *il-Kummissarju għandu jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' infrazzjoni u jordna lil dik il-persuna biex tħallas penali f'ammont li ma jkunx iżjed mill-ogħla ammont tal-multa (multa jewammenda) preskritta bil-liġi għar-reat u meta dik il-liġi tipprovdi għas-sekwestru ta' xi oġġett użat fl-għemil tar-reat, jew għar-revoka jew għas-sospensjoni ta' xi liċenzja l-Kummissarju għandu jordna dak is-sekwestru jew dik ir-revoka jew sospensjoni flimkien mal-penali:*

*Iżda meta l-Kummissarju jiddeċiedi li l-persuna imputata ikkommettiet ir-reat skedat speċifikat fl-akkuża, għandu jordna li każ li l-imputat ma jħallasx il-multa jew ammenda fi żmien xahar minn meta l-każ jiġi deċiż finalment, l-istess imputat għandu jħallas penali ta' ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65 )flimkien mal-multa jew ammenda pagabbi".*

L-imposizzjoni tal-multi ma tridx tittieħed ut singuli fil-każ partikolari li għandha quddiemha l-Qorti. Il-każ ta' kwantita' ta' multi kumulittaviment, jista' tassew joħloq preġudizzju li jkun irrimedjabbli, jekk lil dak li jkun l-ammont kbir ta' multi jikkawżalu ġrieħi finanzjarji kbar. Pero' dan ma jfissirx li din il-Qorti għandha tordna li jieqfu kull proċeduri li hemm pendenti jew li għad jistgħu jsiru kontra s-Soċjeta' rikorrenti. Pero' l-Qorti tfakkar ukoll, li l-istess liġi tipprovdi li dawn il-multi u penali jikkostitwixxu titoli eżekuttivi fit-termini tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti tifhem, li jekk ikunu sospiżi dawn it-titoli eżekuttivi sakemm il-Kawza Kostituzzjonali tkun deċiża definittivament, jintlaħaq bilanċ bejn li l-proċeduri jibqgħu għaddejjin, fil-waqt li kull multa jew penali f'każ ta' eżitu kontra s-Soċjeta' rikorrenti t-titolu eżekuttiv jiġi riattivat u b'dan il-mod lanqas ma jkunu pperikolati l-interessi tal-Avukat intimat.

Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għaliex prima facie, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kap 291 tal-Liġijiet ta' Malta, jista' jagħti l-każ li is-Soċjeta' rikorrenti għandha raġun, għalkemm il-Qorti tagħmilha ċara li dan b'ebda mod ma għandu jirrifletti fuq il-merti propju stante li l-Qorti għad trid tidħol aktar fil-fond tal-kwistjoni. Di piu', kwantita' sostanzjali ta' multi u penali, tassew fihom infushom joħolqu dik l-urġenza biex din il-Qorti tintervjeni tempestivament qabel ma tingħata Sentenza definittiva, biex fl-eventwalita' li l-persuna tingħata raġun ma tkunx rovinata finanzjarjament.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed tiċħad ir-rikors inkwantu s-Socjeta' rikorrenti trid li jitwaqqfu l-proċeduri kollha quddiem it-Tribunali Lokali pero' qed tipprovdi billi, tordna s-sospensjoni ta' titolu eżekuttiv ċivili tal-multi u penali kollha li jingħataw min kwalunkwe Tribunal Lokali fil-konfront tas-Soċjeta' rikorrenti, liema titolu eżekuttiv għandu jkun reattivat, f'każ li s-soċjeta' rikorrenti jkollha t-talbiet Kostituzzjonali tagħha miċħuda.

Spejjeż ta' din il-proċedura riservata għal mas-Sentenza finali fil-mertu.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jigi notifikat lill-Aġenzija tal-Kunsilli Lokali biex tkun tista' iġġib lil kull Tribunal Lokali a' konjizzjoni ta' din l-ordni u kif ukoll lil dik l-Awtorita' li hija fdata bl-eżekuzzjoni ċivili tal-multi u penali.

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Illum 18 ta' Marzu 2024**